MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru. 580/2006

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN BORG
VS
JOHN MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Mifsud, ta’ 31 sena, bin Carmelo u Maria Dolores nee’ Hunt, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Jannar 1975, u residenti f’Filcar Apartments, Flat 2, Triq Guzeppe Despott, Qawra, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 140675(M); u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ fix-xahar t’April 2006, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) ikkommetta serq ta’ zewg cashlinks tal-Bank of Valletta plc, ghad-detriment ta’ Johann Meli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 35480(M), u xi persuni ohra;

(2) talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati, wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' l-oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) talli xjentement ghamel uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni (2), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) b'mezzi ohra kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha ta' haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' iktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), izda inqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), bi hsara ta' Johann Meli, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 35480(M), u xi persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 8).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 167(1), 169, 308, 309, 310(1), 334, 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn, kif ukoll tordna hrug ta' 'compensation order' sabiex l-imputat Mifsud ihallas l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc b'rati mensili fi zmien sitt xhur.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat; il-fedina penali netta tieghu; u l-eta' tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------